Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-3 ta' Marzu 1981

dwar l-għoti ta' allowances ta' kuljum u r-rimbors ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar tal-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, is-supplenti u l-esperti

(81/121/KEE)

(ĠU L 67 , 12.3.1981, p. 29)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Council Decision 82/868/EEC of 3 December 1982 (*)	L 368	39	28.12.1982
►**M2**	Council Decision 84/382/EEC of 19 July 1984 (*)	L 208	52	3.8.1984
►**M3**	Council Decision 85/538/EEC of 5 December 1985 (*)	L 334	24	12.12.1985
►**M4**	Council Decision 88/641/EEC of 19 December 1988 (*)	L 356	73	24.12.1988
►**M5**	Council Decision 92/243/EEC of 29 April 1992 (*)	L 124	39	9.5.1992
►**M6**	Council Decision 95/358/EC, Euratom of 29 June 1995 (*)	L 205	38	31.8.1995
►**M7**	Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/368/KE, Euratom tas-7 ta' Mejju 2001	L 130	39	12.5.2001
►**M8**	Emendata minn Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/985/KE, Euratom ta' l-10 ta' Diċembru 2002	L 343	31	18.12.2002

(*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti.

▼B

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-3 ta' Marzu 1981

dwar l-għoti ta' allowances ta' kuljum u r-rimbors ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar tal-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, is-supplenti u l-esperti

(81/121/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf Kunsill Wieħed u Kummissjoni Waħda, b'mod partikolari l-Artikolu 6 tiegħu,

Billi għandhom jiġu stabbiliti proċeduri dwar l-għoti ta' allowances ta' kuljum u għar-rimbors ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar tal-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, kif ukoll tas-supplenti u l-esperti fis-sens tar-Regoli tal-Proċedura tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali tat-13 ta' Ġunju 1974 ([1]), kif emendati fit-22 ta' Lulju 1980 ([2]),

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, is-supplenti u l-esperti għandhom ikunu intitolati biex jirċievu *allowance* ta' kuljum għall-ġranet mogħddija f'laqgħat jew vjaġġi, kif għar-rimbors ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar f'konformità mad-disposizzjonijiet t'hawn taħt.

▼M7

Artikolu 2

1. L-*allowance* ta' kull jum għal kull jum ta' vjaġġar għandha tkun:

— EUR 120 għall-membri u s-sostituti.

2. L-*allowance* ta' kull jum għal kull jum ta' laqgħat għandha tkun:

— EUR 181 għall-membri u s-sostituti.

3. Fejn il-benefiċjarju jforni prova sodisfaċenti li jkun għamel spiża biex għadda l-lejl fil-post tax-xogħol, huwa għandu jitħallas *allowance* supplimentari ta' kull jum ta' EUR 25.

▼B

Artikolu 3

1. Iż-żmien li għandu jkun ikkunsidrat għar-rimbors ta' ġranet ta' vvjaġġar għandu jkun stabbilit fuq rata fissa għal żjajjar bir-ritorn f'konformità mal-kalkoli li ġejjin:

— tliet kwarti ta' ġurnata għal distanza ta' aktar minn 100 kilometru sa massimu ta' 200 kilometru,

— ġurnata sħiħa għal distanza ta' aktar minn 200 kilometru sa massimu ta' 500 kilometru,

— ġurnata u nofs għal distanza ta' aktar minn 500 kilometru sa massimu ta' 1 000 kilometru,

— jumejn għal distanza ta' aktar minn 1 000 kilometru.

2. ►**M5** The daily allowance per travel day shall amount to:

— Bfrs 4 450 for members

— Bfrs 3 000 for alternates and experts. ◄

Artikolu 4

1. L-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar għandhom jiġu rimborsati f'konformità mar-regoli finanzjarji tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 1981, waqt li jkun mifhum ukoll li s-supplenti għandhom jirċievu l-istess trattament bħall-membri u l-esperti.

([1]) ĠU No L 228, tad-19.8.1974, p. 1.
([2]) ĠU No L 366, tal-31.12.1980, p. 30.

▼B

2. Madankollu, l-ivvjaġġar bl-ajru tal-membri, is-supplenti u l-esperti għandu jiġi rimborsat fuq il-bażi ta' noll ta' klassi ta' turist, ħlief fil-każ tal-president min-naħa l-waħda u tal-viċi-president min-naħa l-oħra, li jkunu fuq xi missjoni uffiċjali, li huma ntitolati għal rimbors tan-noll ta' l-ewwel klassi.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 1981.